MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 705/2005

**Image Systems Ltd (C-4052)**
**vs**
**HP Cole Ltd (C-20)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Marzu, 2005, fejn intalab il-hlas ta' tmien mija u wiehed u hamsin lira Maltija u sitta u ghoxrin centezmu (Lm851.26), liema somma tirraprezenta kera ta' apparat u prezz ta' « supplies » u servizzi provduti mis-socjeta` attrici lil dik konvenuta.**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-20 ta' Awissu, 2005, u bl-imghax legali kontra s-socjeta` konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fit-3 ta' Gunju, 2005 ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li r-rapprezentanti tas-socjeta` konvenuta baqghu ma dehrux u lanqas ma giet prezentata risposta u**

**ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tmien mija u wiehed u hamsin lira Maltija u sitta u ghoxrin centezmu (Lm851.26), bl-imghax legali mill-20 ta' Awissu, 2004.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-20 ta' Awissu, 2004, ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------